**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 17 ta' Frar 2022**

**Rikors Numru: 117/2018/ MLF**

**Aqubix Limited**

**vs**

**World Fone 1 Co. Ltd**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta konvenuta tkun ikkundannata thallasha s-somma ta' disat elef tlett mija u sbatax-il Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€9,317,48) rapprezentanti ammont dovut minnhom lis-socjeta rikorrenti ghal servizzi relatati ma' IT u IT support u dan skont ma jirrizulta mill-istatement (DOK RT1) liema somma baqghet ma thallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet inkluz permezz ta' ittra ufficjali 166A tat-22 ta' Marzu 2018 (DokRT2) liema ittra giet notifikata lilhom nhar id-29 ta' Marzu 2018 (Dok RT3).

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 166A bin-numru 735/18, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 802/18 ipprezentat kontestwalment mal-imsemmija ittra ufficjali, bl-imghaxijiet kummercjali kontra s-socjeta konvenuta.

2. Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

   Illi l-allegazzjonijiet u pretenzjonijiet tas-socjeta attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici inkluz l-ispejjez tar-risposta ghall-ittra ufficjali datata 30 t'April 2018.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici u rat li s-socjeta konvenuta naqset li tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha fit-terminu lilha preskritt.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. F'dawn il-proceduri, tressqu biss provi mis-socjeta attrici, stante li s-socjeta konvenuta ghazlet li ma tressaqx provi.

6. Is-socjeta attrici ressqet bhala xhud lic-Chief Executive Officer taghha Kristoff Zammit Ciantar. Dan ix-xhud qal illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa bilanc dovut ta' ammont akbar dovut mis-socjeta konvenuta ghal servizzi ta' IT rezi lilha mis-socjeta attrici, u esebixxa l-fatturi relattivi. Huwa xehed li ftehim fuq il-kuntratti sar direttament mieghu.

7. Zammit Ciantar esebixxa ukoll email datata 28 ta' Novembru 2017, mibghuta lilu minn Antoine Bartolo, ic-Chief Executive Officer tas-socjeta konvenuta, fejn skuza ruhu ghad-dewmien u infurmah illi l-azzjonisti tas-socjeta konvenuta huma *"aware of the outstanding amounts due to Aquabix".* Pero dan nonostante, is-socjeta konvenuta qatt

ma hallset dan il-bilanc, minghajr ma tat l-ebda raguni ghan-nuqqas taghha li taghmel dan.

8. Is-socjeta konvenuta ma resqet l-ebda provi sabiex tikkondradici l-provi mressqa mis-socjeta attrici, u lanqas ghamlet kontro-ezami lil Kristoff Zammit Ciantar.

9. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddubita mix-xhieda ta' Zammit Ciantar u mid-dokumenti minnu esebiti, u fl-opinjoni konsiderata taghha it-talba attrici giet debitament ippruvata skond il-ligi.

**Konkluzjoni**

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disat elef tlett mija u sbatax-il Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€9,317,48), bl-imghaxijiet kummercjali kontra s-socjeta konvenuta.

    L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 166A bin-numru 735/18 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 802/18 ipprezentat kontestwalment ma' din l-ittra ufficjali, ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**